IL-KWADROLOĠJA TAL-ĦMAR (3)

# L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI U L-ĦMAR MILL-A SAD-D



LORNA VASSALLO
http://vassallolorna.com
www.facebook.com/lejnmaltaaaa

L-ewwel artiklu tiegħi f'din is-sensiela (27 ta' Frar 2023), ittratta l-fatt li jidher ċar li l-impatt tad-'donkey voting' huwa akbar fuq in-nisa. It-tieni (27 ta' Marzu 2023) silet minn studju xjentifiku li wera ċar li l-aħħar kandidati fl-aħħar tal-lista skont l-alfabett dejjem iġibu lanqas voti.

Illum se nitkellem dwar kif id-'donkey voting' dan l-aħħar sar aktar diskriminatorju. Huwa diffiċli l-ewwelnett li wieħed jiddetermina jekk kandidat kellux ħafna mis-suċċess tiegħu minħabba ħiltu jew minħabba kunjomu. Kien hemm drabi fejn ministru li ma baqax b'ismu fl-ewwel post tal-polza tal-vot, tilef mal-2,500 vot fuq distrett. Anke jekk l-iżvantaġġ mhux kif jaħsbu ħafna, f'min iġib l-unu mingħajr ma jagħmel xejn, iżda f'min iġib it-2, it-3, l-4 u l-5 bis-saħħa tal-pożizzjoni tiegħu fil-polza tal-vot.

Huwa wkoll fatt li s-sistema elettorali tagħna tinkoraġġixxi lil dawk b'kunjomhom mill-A sal-M jaħdmu aktar għax it-tama li jitilgħu hija ferm akbar, filwaqt li tiskoraġġixxi lil dawk li għandhom kunjomhom bi żvantaġġ. Fil-fatt statistika uffiċjali tal-Università ta' Malta turi kemm kandidati mill-aħħar nofs tal-vot ħarġu darba u qatgħu qalbhom.

Iżda mill-2018 'l hawn feġġew fenomeni oħra li reġgħu affettwaw mhux ftit. Mill-1 ta' Settembru 2017 'l hawn, l-irġiel jistgħu jieħdu kunjom il-mara jew konjuġi tagħhom jew tat-tnejn. Dan wassal għal aktar ċaqliq fil-kunjomijiet. Li baqgħu barra huma nies li mhumiex miżżewġin u nies li għalkemm iżżewġu ebda wieħed mill-koppja m'għandu kunjomu fl-ewwel nofs tal-polza tal-vot.

| | Kandidati li telgħu mingħajr mekkaniżmu tan-nisa jew kostituzzjoni 2022 *(imma setgħu telgħu bil-by-election jew co-option)* | | Kandidati nisa li telgħu bil-mekkaniżmu tan-nisa 2022 | | Kandidati li telgħu bil-mekkaniżmu tal-kostituzzjoni | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Partit** | **A-D** | **E-Z** | **A-D** | **E-Z** | **A-D** | **E-Z** |
| PL | 21 | 16 | 3 | 3 | 0 | 0 |
| PN | 17 | 10 | 4 | 2 | 1 | 1 |
| Ind. | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

Interessanti, għalhekk, li kull min huwa interessat fil-politika qed jaqleb kunjomu bl-aktar mod konvenjenti. Ironikament, allura, eżatt ftit qabel ma ddaħħal il-mekkaniżmu tan-nisa, l-irġiel setgħu jieħdu kunjom il-mara, ħalli jekk kandidata mara eż. kellha kunjomha bil-N, raġel jista' faċilment jaqbiżha billi jieħu kunjom martu bil-F. U b'hekk, għalkemm żgur li l-leġiżlatur kellu din l-intenzjoni, l-irġiel sar għandhom vantaġġ elettorali li daħal inkiss, inkiss, li qatt ma kellhom qabel u li qatt ma kellhom bżonnu qabel meta d-dinja kienet iddominata minn politiċi rġiel biss. Persuni li kien ilhom miżżewġin spiċċaw jaqilbu kunjomhom. U f'każ estrem li naf bih, saħansitra, persuni miżżewġin wara li ddaħħlu l-emendi tal-kunjomijiet wara ż-żwieġ imma qabel ma ħasbu fil-politika ironikament isseparaw biex ikollhom ċans jibdlu l-kunjom għal dak oriġinali! Għalkemm il-verità tista' tweġġa', spiċċajna b'politiċi mhux biss jitilgħu jew ma jitilgħux imma wkoll jiżżewġu jew ma jiżżewġux jew jibqgħux uffiċjalment flimkien jew le skont il-possibbiltà jekk joħorġux għall-elezzjonijiet.

Ta' min jgħid ukoll, iżda, anke kandidat kunjomu biċ-C jista' jkun diskriminat. Dan il-fenomenu qed jitfa' piż ukoll fuq l-ewwel nofs tal-polza tal-vot. Fil-Parlament nazzjonali preżenti fil-PL hemm 24 membru li għandhom kunjomhom mill-A sad-D (mhux sal-M!) u 19 li għandhom kunjomhom mill-E saz-Z (tlieta minnhom huma nisa li telgħu mat-tielet rawnd). Fil-PN hemm 22 membru li għandhom kunjomhom mill-A sad-D u 13 li għandhom kunjomhom mill-E saz-Z (tnejn minnhom huma nisa li telgħu mat-tielet rawnd). U l-uniku kandidata indipendenti hi biċ-C. Hawnhekk qed ninkludi l-kandidati kollha inklużi dawk li telgħu bil-by-election u mekkaniżmi korrettivi kollha. Wara kollox, kull tip ta' elezzjoni ta' Malta hija affettwata mill-kunjom tal-kandidat. It-tabella t'hawn taħt titkellem waħedha u turi li l-arena tal-ġlieda politika spiċċat ristretta bejn l-ewwel erba' ittri tal-alfabett minflok mal-ittri tal-alfabett kollha.

Il-fenomenu ta' membri parlamentari li jitilgħu skont kunjomhom ma twelidx ilbieraħ. Xi darba nikteb dwar għaliex qatt ma tneħħa.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa. Għal aktar artikli tal-istess artikolista www.vassallolorna.com.

